MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1221/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Joanne Chetcuti u l-
istess Joanne Chetcuti f'isimha proprju**

**Vs**

**Christine Marie Spasojevic u b'digriet tat-Tribunal tal-25 t'Ottubru, 2004 gie nominat Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur Deputat u b'digriet tal-5 ta' Jannar, 2005 it-Tribunal irrevoka contrario imperio n-nomina tal-avukat Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur ta' Christine Marie Spasojevic**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm192.57c (mija u tnejn u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident stradali tal-25 t'April, 2003,

gol-Gzira meta l-konvenuta bil-vettura SPA 380 habtet mal-vettura IBF 318 ta' Joanne Chetcuti u misjuqa minn Lawrence Falzon.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm192.57c (mija u tnejn u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------